



PARLAMENT EWROPEW

2014 - 2019

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

2015/2074(BUD)

15.4.2015

ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar il-baġit 2016 – mandat għat-trilogu
(2015/2074(BUD))

Rapporteur għal opinjoni: Deirdre Clune

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jenfasizza li l-baġit 2016 irid ikollu rwol ewlieni fit-tisħiħ tal-kontribut tal-Unjoni għat-tkabbir u l-impjiegi, speċjalment fil-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażaġh;
2. Iħeġġeġ ukoll li jingħata appoġġ finanzjarju għall-programmi li joħolqu impjiegi għal dawk bi żvantaġġi multipli fis-suq tax-xogħol, bħalma huma l-persuni qiegħda għal żmien twil, il-persuni b'diżabilità u l-persuni li jagħmlu parti minn minoranza;
3. Ifakkar li t-tkabbir huwa kruċjali għal żieda fl-impjiegi u fil-prospertà u li huwa neċessarju li l-fondi strutturali jiġu direzzjonati b'mod iktar effiċjenti lejn il-promozzjoni tat-tkabbir;
4. Jissottolinja l-importanza ta' finanzjament suffiċjenti u ġestjoni baġitarja tajba tal-programmi fi ħdan il-qafas finanzjarju pluriennali 2014-2020 li l-għan tagħhom huwa li jindirizzaw il-qgħad, il-faqar u l-esklużjoni soċjali, bħall-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażaġħ (YEI), il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF), l-assi differenti tal-Programm għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali u l-Fond għal Għajjnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (FEAD);
5. Huwa tal-fehma li l-baġit tal-UE għandu jappoġġa miżuri dwar it-taħriġ vokazzjonali u l-kwalifiki professjonali;
6. Jissottolinja l-fatt li l-baġit 2016 għandu jappoġġa miżuri li jippromwovu l-intraprenditorija fl-impriżi mikro, żgħar u medji, inklużi l-intraprenditorija soċjali u l-impriżi soċjali innovattivi u l-impjieg indipendenti;
7. Jenfasizza li l-baġit 2016 għandu jippromwovi livell għoli ta' protezzjoni tal-ħaddiema u kultura ta' prevenzjoni fl-UE kollha u għandu jgħin biex jiġu indirizzati l-isfidi l-ġodda għas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol li jkomplu jseħħu;
8. Jirrimarka li l-impriżi mikro, żgħar, u medji jimpjegaw ħafna ħaddiema fl-UE u li waħda mill-problemi ewlenin fl-istabbiliment u l-funzjonament ta' tali impriżi hi l-kisba tal-finanzjament; jipproponi, għalhekk, li l-element mikrofinanzjarju jiġi estiż;
9. Jenfasizza li l-baġit tal-UE għandu jappoġġa sforzi favur il-promozzjoni tat-tlestija tas-suq uniku, tal-kompetittività u tal-konverġenza soċjali, l-iżvilupp ta' politika dwar impriżi soċjalment responsabbli, u l-monitoraġġ tal-applikazzjoni ta' standards soċjali statutorji mill-impriżi biex jiġi żgurat il-ħolqien ta' impjiegi diċenti;
10. Jitlob li jsir sforz sostnut permezz tal-baġit li jipprevedi taħriġ adegwat u tħarriġ mill-ġdid f'setturi b'nuqqas ta' ħaddiema u f'setturi ewlenin b'potenzjal għoli ta' ħolqien ta' impjiegi, bħall-ekonomija ekoloġika u s-setturi tal-kura tas-saħħa u tal-ICT;
11. Jitlob li l-Parlament jingħata aġġornamenti regolari u dettaljati dwar l-istadji varji fl-

implimentazzjoni ta' proġetti pilota mill-Kummissjoni.